**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 8 ta' Marzu 2019**

**Avviz numru 308/2016JVC**

**Corradina Miloro [karta tal-identita' Taljana numru AR 1119972] ezercenti l-kummerc taht l-isem MC Restauri**

**vs**

**A.F. Ellis (Home Decor) Limited (C28050) u Registratur tac-Centru Malti tal-Arbitragg**

Il-Qorti;

Rat l-avviz tar-rikorrenti illi ppremettiet:

Illi r-rikorrenti u s-socjeta' intimata AF Ellis (Home Decor) Limited kienu shab f'appalt pubbliku li sussegwentement bi ftehim u hlas ta' kumpens, beda u gie konkluz unikament mir-rikorrenti minkejja li baqa' qua appalt fuq isimhom it-tnejn bhala joint venture.

Illi waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt is-socjeta' ntimata rrifjutat li tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tircievi fuq isimha r-rifuzjonjiet statutorji tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema kwistjoni kienet tifforma parti mill-mertu tal-Arbitragg numru 3620/2013 fl-ismijiet Dr. Corradina Miloro ezercenti l-kummerc taht l-isem MC Restauri vs. AF Ellis (Home Decor) Limited deciza favur ir-rikorrenti fis-7 ta' Novembru 2014.

Illi fid-decizjoni tal-arbitru li biha giet deciza l-kwistjoni l-arbitru ddecieda li l-ispejjez kellhom ikunu kollha a karigu tas-socjeta' AF Ellis (Home Decor) Limited.

Illi sussegwentement l-istess socjeta' AF Ellis (Home Decor) Limited oggezzjonat mac-Centru tal-Arbitragg ghall-hrug tat-taxxa dwar l-ispejjez abbazi tal-argument li l-ligi li twaqqaf ic-Centru tal-Arbitragg ma tatix poter lir-Registratur tintaxxa taxxi dwar spejjez u drittijiet f'arbitraggi u fil-fatt it-taxxa rilaxxata mic-Centru ghall-Arbitragg giet irtirata.

Illi minhabba din il-lacuna, fis-sitwazzjoni odjerna, fejn l-arbitru ddecieda min kellu jbati l-ispejjez, izda ma llikwidahomx bhala cifri, ir-rikorrenti m'ghandhiex mezz ta' intaxxar tal-imsemmija spejjez ghaliex hemm l-imsemmi nuqqas, minkejja li ghandha d-dritt moghti lilha li tirkupra dawn l-ispejjez u drittijiet dovuti lill-konsulenti legali taghha.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddetermina l-valur tal-arbitragg numru 3620/13 fl-ismijiet 'Dr.Corradina Miloro ezercenti l-kummerc taht l-isem M.C Restauri vs A.F. Ellis (Home Decor) Limited, decizi fis-7 ta' Novembru 2014, sabiex abbazi tieghu jinhadmu l-ispejjez tal-istess arbitragg.

2. Tistabilixxi l-ispejjez u drittijiet dovuti lic-Centru tal-Arbitragg ghall-imsemmi arbitragg, dawk dovuti lill-arbitru, u dawk dovuti lill-avukat patrocinanti tar-rikorrenti, flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

3. Konsegwentement tiddikjara jekk l-ispejjez mitluba mic-Centru tal-Arbitragg, kemm dawk dovuti lilha kif ukoll lill-arbitru kienux korretti u jekk le tordna r-rifuzjoni tal-ammont imhallas zejjed mir-rikorrenti.

4. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ispejjez kollha dovuti ghall-imsemmi arbitragg hekk kif likwidati minn din l-istess Onorabbli Qorti, oltre l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata li hjia minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tar-Registratur ghac-Centru Malti tal-Arbitragg illi eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok ir-Registratur esponenti mhijiex il-legittima kuntradittrici tat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba l-mod kif hija mpustata l-kawza odjerna. Dan ghaliex jekk huwa minnu li l-esponenti m'ghandhiex il-poter tintaxxa taxxi dwar spejjez u drittijiet, kif tistqarr ir-rikorrenti, allura r-Registratur ma ghandha l-ebda rwol f'din il-kawza. Mill-banda l-ohra jekk ghandha tali dritt u hija legittima kuntradittrici allura l-premessa li fuqha hija bbazata din il-kawza hija fattwalment skorretta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u sahansitra kuntradittorji ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' "A.F. Ellis (Home Decor) Ltd" illi eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-attrici u s-socjeta' konvenuta ftehmu permezz tal-klawsola 10 tal-ftehim taghhom tas-17 ta' Lulju 2010 illi jirrisolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom b'arbitragg.

2. Illi fit-tieni lok, u preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta hija residenti Ghawdex u ghaldaqstant, tgawdi mill-privilegium fori u kellha tigi ccitata fil-Qorti t'Ghawdex.

3. Illi fit-tielet lok, u preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, kellu jkun it-Tribunal ta' l-Arbitragg illi jiffissa l-ispejjez u drittijiet ta' l-Arbitragg Nru 3620/13 bejn l-attrici u s-socjeta' konvenuta u galadarba l-attrici naqset illi tappella kemm mill-lodo arbitrali originali kif ukoll dak addizzjonali illi t-tnejn naqsu illi jiffissaw tali spejjez u drittijiet, il-kontroversja llum hija res judicata u ma tistax titqanqal f'foro iehor illi m'ghandux il-kompetenza illi jiddeciedi l-kontroversja.

4. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe ammonti talvolta dovuti lill-attrici ghandhom jigu pacuti b'ammonti dovuti lis-socjeta' kovenuta mill-attrici kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza.

Rat id-decizjoni preliminari datata 2 ta' Mejju, 2018 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari mressqa mis-socjeta' intimata fejn dwar l-ewwel eccezzjoni gie deciz illi:

'fid-dawl ta' dak kjarament dispost fl-artikolu 15 (3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u ulterjorment ikkonfermat fis-subartikolu (8) tal-imsemmi artikolu tal-Ligi, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tas-socjeta' konvenuta ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnu u l-attrici, kif minnha promossa hija nammissibbli u ghaldaqstant m 'ghandhiex tigi milqugha.'

Dwar it-tieni eccezzjoni preliminari koncernanti l-'privilegium fori' dik il-Qorti ddecidiet kif isegwi:

'Ghaldaqstant, din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata qeghdha tigi milqugha u ai termini tal-Artiklu 741 (b) tal-Kapitolu 12 din il-Qorti ghalhekk qed tordna illi l-atti jigu assenjati lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri Sezzjoni Generali.'

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2019 il-kawza giet differita ghad-decizjoni wara li l-partijiet ghalqu l-provi u trattaw oralment il-kawza quddiem il-Qorti.

Rat id-dokumenti, xhieda u provi kollha voluminuzi esebiti fl-atti.

Hadet konjizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet kollha nvoluti dwar jekk ir-Registratur tac-Centru Malti tal-Arbitragg ghandux jew le l-poter li johrog taxxi ta' spejjez u drittijiet f'arbitraggi. Il-fatti li wasslu ghal dan id-dizgwid kienu kif isegwi:

1. Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn l-attrici Corradina Miloro ezercenti l-kummerc taht l-isem MC Restauri u s-Socjeta' intimata A.F. Ellis li huma kienu partijiet f'arbitragg bin-numru I 3620/13;

2. M'hemmx kontestazzjoni wkoll li l-arbitru maqbul f'dan l-arbitragg kien l-Avukat Dr. Joseph Schembri;

3. L-arbitragg in kwistjoni gie deciz kontra s-socjeta' intimata odjerna permezz ta' decizjoni datata 7 ta' Novembru, 2011 (ara fol. 17 et seq tal-process). Dwar l-ispejjez inghad f'dik id-decizjoni:

'L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' intimata.' (ara fol. 33 tal-process);

4. M'hemmx kontestazzjoni wkoll li qabel mad-decizjoni giet notifikata lill-partijiet mir-Registratur nhar il-21 ta' Novembru, 2014 (ara n-notifiki f'dokument FGF 1) ir-rikorrenti Miloro intalbet u hallset provizorjament is-somma ta' €6624.27 u €116.47 bhala spejjez arbitrali filwaqt li s-socjeta'

intimata hallset is-somma ta' €1,041 mal-prezentata tal-kontro-talba taghha (ara l-ittri datati 11 ta' Novembru, 2014 u 17 ta' Novembru, 2014 f'dokument GFG 1, total ta' €7781.74 kif appuntu ndikat fl-ittri).

5. Nhar l-20 ta' Novembru, 2014 u cioe' wara d-decizjoni tal-arbitru datata 7 ta' Novembru, 2014 is-socjeta' intimata permezz ta' ittra mibghuta mill-Avukat Dr. Joseph Ellis talbet 'breakdown' tad-drittijiet u l-ispejjez relatati lir-Registratur tac-Centru tal-Arbitraggi (ara ittre datata 20 ta' Novembru, 2014 f'dokument FGF 1). In oltre permezz tal-istess ittra hija qajmet il-punt li ma kinitx qed taqbel li l-arbitragg gie ntaxxat bhala arbitragg internazzjonali u mhux domestiku. Ma jirrizultax lill-Qorti li r-Registratur irrispondiet jew agixxiet ghal din l-ittra.

6. Konsegwentement permezz ta' ittra datata 9 ta' Dicembru, 2014 (f'dokument FGF 1) is-socjeta' intimata talbet ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 387 decizjoni addizzjonali ghall-arbitragg bejn il-partijiet (ghalkemm fl-ittra ndikat id-data hazina tal-lodo) u dan dwar l-ispejjez tal-arbitragg ai termini tal-artikolu 50 u 51 tal-Kap. 387.

7. Illi t-talba ghal decizjoni addizzjonali giet rifjutata mill-arbitru permezz ta' decizjoni datata 24 ta' April, 2015 (annessa f'dokument FGF 1).

8. Fil-mori ta' bejn it-talba ghad-decizjoni addizzjonali u l-lodo jirrizulta li nhadmet taxxa mir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg u li ggib id-data tat-30 ta' Marzu, 2015. Din it-taxxa tinkludi fiha wkoll id-drittijiet tal-Avukati apparti t-tariffi tac-Centru u d-Drittijiet ta' l-arbitru li sa dan l-istadju kienu gia thallsu lic-Centru (annessa f'dokument FGF 1). L-ispejjez u d-drittijiet jidhru li nhadmu skont dak impost fl-Appendici A tal-Ligi sussidjara 387.01 intitolata 'Regoli dwar l-Arbitragg'.

9. Konsegwenti ghat-tieni decizjoni u t-taxxa msemmija l-attrici permezz ta' ittra datata 27 ta' Mejju, 2015 (annessa f'dokument FGF 1) u tramite l-Avukat taghha talbet lir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg sabiex in linja mal-artikolu 61 (3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-termini tal-artikolu 72 tal-istess jghaddi sabiex jirregistra d-decizjoni tal-arbitru.

10. Wara t-talba suesposta jirrizulta li nharget taxxa ohra datata 25 ta' Gunju, 2015 (wkoll annessa f'dokument FGF 1) sabiex tirratifika zball li drittijiet tal-kontro-talba tnizzlu fil-kolonna tar-rikorrent u mhux tal-intimat. Ir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg Dr. Galea Farrugia kkonfermat fix-xhieda taghha li din hija t-taxxa korretta.

11. Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Gunju, 2015 l-Avukat tas-socjeta' intimata baqa' jinsisti li ma kienx qed jaqbel mat-taxxa anzi beda jinsisti li r-Registratur tac-Centru ma kellhiex il-poter fil-ligi li tiddeciedi l-ispejjez hi izda nsista li dawn kellhom jigu decizi bl-ammont u kollox mill-arbtiru fid-decizjoni tieghu. (ara wkoll dokument FGF 1);

12. Fl-istess dokument FGF 1 hemm anness certifikat li jevidenzja r-registrazzjoni taz-zewg decizjonijiet tal-abitru bejn il-partijiet. Id-data ndikata bhala dik ta' registrazzjoni hija dik tas-27 ta' Lulju, 2015;

13. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Jannar, 2016 (ara dokument FGF 1 l-ewwel zewg faccati) ir-Registratur ghaddiet kopja tac-Certifikat ta' Registrazzjoni tad-decizjonijiet filwaqt li nfurmat lill-partijiet illi:

'in view of the obejctions raised by Dr. Joseph Ellis in connection with the two taxed bill of costs issued by the undersigned on the 30th March 2015 and the 25th June 2015, it has been decided that both taxed bill of costs are being withdrawn'.

Konsegwentement rizultat tal-fatt li l-attrici odjerna sabet ruhha minghajr ebda taxxa x'tinforza sabiex tigbor l-ispejjez u drittijiet dovuti, giet intavolata l-kawza odjerna bit-talbiet kif hawn fuq elenkati. L-intimati ressqu l-eccezzjonijiet taghhom ghat-talbiet attrici kif ukoll elenkati aktar 'il fuq.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi deciza l-eccezzjoni preliminari mqajma mir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg li taqra kif isegwi:

'Illi fl-ewwel lok ir-Registratur esponenti mhijiex il-legittima kuntradittrici tat-talbiet attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba l-mod kif hija mpustata l-kawza odjerna. Dan ghaliex jekk huwa minnu li l-esponenti m'ghandhiex il-poter tintaxxa taxxi dwar spejjez u drittijiet, kif tistqarr ir-rikorrenti, allura r-Registratur ma ghandha l-ebda rwol f'din il-kawza. Mill-banda l-ohra jekk ghandha tali dritt u hija legittima kuntradittrici allura l-premessa li fuqha hija bbazata din il-kawza hija fattwalment skorretta'.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-eccezzjoni mqajjma mir-Registratur ghas-semplici fatt li kienet decizjoni tal-istess Registratur li wasslet lill-partijiet ghall-kawza odjerna fis-sens li kienet ir-Registratur li hadet id-decizjoni li tirtira t-taxxi datati 30 ta' Marzu, 2015 u 25 ta' Gunju, 2015 bir-rizultat li l-attrici spiccat minghajr ebda taxxa x'tinforza fil-konfront tal-parti l-ohra.

In oltre t-talbiet odjerni jinkludu wkoll talba sabiex din il-Qorti tistabilixxi l-ispejjez u drittijiet lic-Centru tal-Arbitragg ghall-imsemmi arbitragg, talba li certament ma setghetx tigi ntavolata mill-attrici li kieku ma sejhitx fil-kawza lir-Registratur tal-istess Centru in rapprezentanza tal-istess.

Ghaldaqstant u minghajr il-bzonn li din il-Qorti tinoltra ruhha oltre fil-bqija tat-talbiet u minghajr pregudizzju ghall-mertu tal-kaz odjern, il-Qorti ghar-ragunijiet suesposti tqis li l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur intimat mihijiex gjustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorment fil-mertu:**

Illi fil-mertu xehdet fl-atti Dr. Fiona Galea Farrugia fil-vesti ta' Registratur tac-Centru dwar l-Arbitragg ta' Malta li dwar it-taxxi koncernati f'din il-kawza xehdet kif isegwi (fol. 112 et seq):

'***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Issa, jekk jgħoġbok, dwar it-taxxi li ħareġ iċ-ċentru, jekk jgħoġbok, tista tgħidli jekk jgħoġbok x'ħarġet u x'proċedura segwiet u x'misuri ħadet?

***Ix-Xhud:***
Mela meta ngħatat id-deċiżjoni, aħna bil-proċedura tas-soltu, l-arbitru jgħaddilna l-*award*, aħna naħdmu li spejjeż taċ-Ċentru u tal-Arbitru, u nibgħatu l-kont, il-bilanċ tal-ispejjeż lir-rikorrent biex proviżorjament iħallas lis-spejjeż, li ovvjament dawn kollha nħarġu, tħallsu u nħareġ l-*award*, u mbagħad ħriġna t-taxxa. Ovvjament it-taxxa ħa tinkludi wkoll id-drittijiet tal-Avukati. Ikun hemm *arbitrator's fees,* …………*charges, legal representation fees.* Imbagħad kien hemm, wara li ħriġt it-taxxa, kien hemm imajls mingħand Dr Ellis, fejn ………
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Ħa nibdew minn hawn, taxxa waħda jew tnejn ħriġna?
***Ix-Xhud:***
Ħriġna waħda fit-tletin (30) ta' Marzu tat-*two thousand fifteen (2015).*
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
U x'ġara minn dik it-taxxa?
***Ix-Xhud:***
Din ġiet amendata għaliex id-dritt tal-kontro talba kien qiegħed taħt il-lista tal-, skużani, taħt il-kolonna tar-rikorrent…..
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Mela l-ewwel taxxa ġiet irtirata u sostitwita għax kien hemm żball fiha. Naqblu?
***Ix-Xhud:***
Iva, iva.
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Tajjeb. Imbagħad?
***Ix-Xhud:***
Kien hemm imbagħad talba minn Dr Ellis biex tingħata deċiżjoni addizzjonali fuq li spejjeż. Jiġifieri, kien hemm l-*award*, kien hemm talba biex tingħata deċiżjoni addizzjonali, li ngħatat ukoll minn Dr Schembri.
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Meta ngħatat jekk jgħogbok?
***Ix-Xhud:***
Fl-erba u għoxrin (24) t'April *fifteen (15).*
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
It-tieni waħda hija fl-erba u għoxrin (24) t'April *fifteen (15).*
***Ix-Xhud:***
U l-ewwel waħda ngħatat fis-seba (7) ta' Novembru *fourteen (14)*, l-ewwel deċiżjoni.
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
X'iddeċieda Dr Schembri?
***Ix-Xhud:***
Fl-aħħar waħda : fiċ-ċirkostanzi l-arbitru sotto firmat, jiċħad it-talba tas-Soċjeta intimata bi spejjeż a karigu tal-istess Soċjeta ntimata.
***Il-Qorti:***
Imma din biex tingħata d-deċiżjoni addizzjonali hux hekk?
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Dwar li spejjeż issa dejjem.
***Il-Qorti:***
Dik ċaħadha hux hekk?
***Ix-Xhud:***

Eħħe, għaliex.....
***Il-Qorti:***
Stenna waħda, x'iddeċieda fuq li spejjeż?
***Ix-Xhud:***
Mela, fl-ewwel waħda fuq li spejjeż : għal dawn il-motivi, l-arbitru jiddisponi minn dan l-arbitraġġ billi fil-waqt li jilqa t-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fit-talba prinċipali, jiċħad it-talbiet kif kontenuti fil-kontro talba. Li spejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati nterament mis-Soċjeta ntimata.
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Li kienet?
***Ix-Xhud:***
Li kienet AF Ellis Home Decor Limited.
***Il-Qorti:***
Imbagħad daħal rikors?
***Ix-Xhud:***
Imbagħad daħal rikors fejn Dr Ellis kiteb *ai termini* ta' artikolu *forty nine (49*) tal-Kap *three eight seven (387)* : qed nitlob deċiżjoni addizzjonali mill-Arbitru dwar li spejjeż tal-arbitraġġ kif kien tenut li jagħti fid-deċiżjoni nnifisha u dana ai termini ta' artikolu ħamsin, wieħed u ħamsin (50/51) tal-istess att.
***Il-Qorti:***
U dik id-deċiżjoni kienet li ċaħad it-talba hux hekk?
***Ix-Xhud:***
Eħħe dik id-deċiżjoni, eħħe.....
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Ċaħad it-talba għaliex? X'qal jekk jgħoġbok?
***Ix-Xhud:***
L-arbitru jħoss li ma setax ikun aktar ċar minn hemm, jiena qed nagħmel referenza għal aħħar sentenza li għadni kif qrajt, li spejjeż ta' dawn il-proċeduri, eċċetra. Mela : l-arbitru jħoss illi hu ma setax ikun aktar ċar minn daqshekk fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż illi in kwantu jirrigwarda l-kwantum tad-drittijiet tal-arbitru sotto firmat, li spejjeż relattivi għall-istess proċedura kif ukoll dawk dovuti lill-istess ċentru, jingħad in kjarezza iili f'kull arbitraġġ li kien involut l-arbitru sotto ffirmat, huwa dejjem ħalla f'idejn iċ-ċentru biex jistabillixxi l-istess, u hekk għamel ukoll f'dan il-każ u dan ukoll senjatament *ai termini* tas-sub artikolu ta' artikolu fifty one (51) tal-istess Liġi u kwindi ma hemm assolutament ebda ordni ġdida x'għandha tingħata. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk l-arbitru sotto ffirmat jiċħad it-talba tas-Soċjeta ntimata b'li spejjeż a karigu tal-istess Soċjeta ntimata.
***Il-Qorti:***
Imbagħad ħarġet taxxa oħra fuq dik is-sentenza?
***Ix-Xhud:***
Le, le, le. Imbagħad jiena bħala Reġistratur indunajt li d-dritt tal-kontro talba għamiltu taħt il-kolonna tar-rikorrent, minflok tal-intimat, allura żidtu.
***L-Avukat Dr Peter Fenech:***
Kien hemm kwistjoni dwar kienx arbitraġġ lokali jew internazzjonali wkoll?
***Ix-Xhud:***
Eħħe, iva għax imbagħad hemm skambji ta' imajls, qegħdin hawn hekk fil-*file*, fejn Dr Ellis qajjem diversi punti, u anke l-fatt li talabni biex ġentilment nikkanċella u nirtira

t-taxxa illi inti ħriġt mingħajr awtorita', peress illi kellu jkun t-tribunal tal-arbitraġġ li jistabillixxi li spejjeż u d-drittijiet tal-arbitraġġ fid-deċiżjoni tiegħu. U aħna mbagħad kellna talba biex nirreġistraw l-*award*, minn Dr Fenech, *which we did*, u fl-ittra fejn jiena bgħatilkom iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, kemm tal-award u tad-deċiżjoni oriġinali, addizzjonali, għidtilhom : *may I also draw your attention that in view of the objections raised by Dr Joseph Ellis in connection with the bill of costs issued by the undersigned, on the thirtyth (30th) March and the twenty fifth (25th) June fifteen (15), it has been decided that both bills of cost are being withdrawn*. U neħħejna t-taxxa, dik it-taxxa tal-Avukati, ngħidilha, it-taxxa li nagħmlu....

***Il-Qorti:***

U spiċċajna b'din il-kawża.

***Ix-Xhud:***

U spiċċajna b'din il-kawża.

***L-Avukat Dr Peter Fenech:***

U allura ġejna fis-sitwazzjoni ta' min ħa jiddeċiedi li spejjeż, mhux a karigu ta' min huma, għax dak.....

***Il-Qorti:***

Kemm huma.

***L-Avukat Dr Peter Fenech:***

Kemm huma. L-argument ta' Dr Ellis ........

***Il-Qorti:***

Illi ma kellux ir-Reġistratur li jaħdimhom.

***L-Avukat Dr Peter Fenech:***

*That's the issue.*

***Il-Qorti:***

All right. Xi ħaġa oħra mid-Dotoressa?

***L-Avukat Dr Peter Fenech:***

Le.

***Il-Qorti:***

Dr Fenech le. Dr Ellis?

***L-Avukat Dr Joseph Ellis:***

Jiġifieri ara biex inkunu ċari, it-taxxi li ħriġt int ġew irtirati?

***Ix-Xhud:***

Iva.

***L-Avukat Dr Joseph Ellis:***

Ġew irtirati. U ngħid sew li ntom tintaxxaw biss fejn ikun hemm arbitraġġ mandatorji?

***Ix-Xhud:***

Le.

***L-Avukat Dr Joseph Ellis:***

Mela?

***Ix-Xhud:***

Nintaxxaw f'kull arbitraġġ. Jiġifieri ilna nagħmluha, għal inqas, jien ilni iċ-Ċentru mit-*two thousand and three (2003)*. Ilna nagħmluha mit-*two thousand and four (2004)* minn meta bdew il-*mandatory*, għax ovvjament kien hemm iktar avukati u kulħadd jgħidli isma, aħdem it-taxxa, u issa nfatti, bħalissa preżentament, it-taxxa, dawn li jiena *I withdrew* minn dan il-każ, qegħdin nattaċċjawhom mal-*awards* fil-*voluntary cases* biex

ikunu parti mill-*award*, għax il-*costs* huma dawn, il-*legal representation fee*, jekk tara *section fifty one (51)* tal-liġi....
***Il-Qorti:***
Jiġifieri wara li nqalet din, qed tattaċjawhom mal-*Award*?
***Ix-Xhud:***
Qed nattaċjawhom mal-*award* ħalli......
***Il-Qorti:***
L-ewwel darba li nqalet?
***Ix-Xhud:***
Eħħe l-ewwel darba li nqalet f'dawk is-snin kollha.
***L-Avukat Dr Joseph Ellis:***
Jien kont li svinturat.
***Il-Qorti:***
X'iktar Dr Ellis.
***L-Avukat Dr Joseph Ellis:***
Jiġifieri intom, ara ngħidx sew, qabel ma bdew l-arbitraġġi mandatorji, ma kontux tintaxxaw? Ma kontux toħorġu taxxi?
***Ix-Xhud:***
Għax kulma kien hemm ħames każijiet fis-sena u jiġifieri kienu jkunu ftit, li qatt ma kien hemm talba. Imma mbagħad meta bdew il-*mandatory*, u minn ħames jew għaxar każijiet fis-sena bdejna nitilgħu għal tlett mija u erba mija, indunaw, mhux indunaw, l-Avukati kollha talbu li tinħareġ taxxa.
***Il-Qorti:***
Assumew li taħdmu bħal Qorti li toħorġu t-taxxa inthom.'

Semghet ukoll ix-xhieda tal-Arbitru Dr. Joseph Schembri (fol. 121 et seq) li kkonferma bil-gurament iz-zewg decizjonijiet tieghu kemm dik datata 7 ta' Novembru, 2014 kif ukoll dik datata 24 ta' April, 2015 rigwardanti t-talba ulterjuri dwar l-ispejjez li giet michuda.

Rat ukoll l-affidavit tal-Avukat Dr. Peter Fenech a fol. 125 et seq tal-process li tista' tghid jaghti sommarju dettaljat tal-fatti bejn il-partijiet li wasslu ghall-kawza odjerna kif isegwi:

'Corradino Miloro hija klijenta tal-ufficcju professjonali tieghi, persuna ta' nazzjonalita' Taljana, ilha klijenta ghal numru ta' snin, tezercita l-professjoni ta' restawratrici taht l-isem MC Restauri f'diversi pajjizi.

Numru ta' snin ilu hi kienet ippartecipat f'sejha ghall-offerti Citadella Landfront Fortifications Gozo Tender CTD 02 taht l-istruttura ta' *Joint Venture* maghmul bi shab indaqs bejn l-MC Restauri u s-socjeta' AF Ellis (Home Décor) Limited (C28050) bl-isem A.F. Ellis (Home Décor) Ltd & MC Restauri JV sabiex tigi restawrata c-Cittadella, hawn gewwa Ghawdex. Il-progett kien taht is-sorveljanza tar-*Restoration Unit.*

L-offerta mixhuta mill-AF Ellis (Home Décor) Ltd & MC Restauri JV kienet l-aktar wahda vantaggjuza biss waqt id-diskussjonijiet ta' preparazzjoni qabel ma gie ffirmat l-kuntratt mal-Awtoritajiet Maltin, kienu nqalghu l-ewwel sinjali ta' dizgwid bejn il-partijiet tal-*joint venture* u l-MC Restauri ddecidiet li ma tipprocedix ghall-iffirmar ta' dan l-appalt mal-istess AF Ellis (Home Décor) Limited sabiex tevita problemi 'l quddiem.

Il-partijiet ghalhekk kienu dahlu f'diskussjoni sabiex jirrisolvu l-pendenzi ta' bejniethom u permezz ta' ftehim iffirmat fit-12 ta' Novembru 2010 is-socjeta' AF Ellis (Home Decor) Ltd cediet id-drittijiet kollha taghha li kellha fuq u dwar dan l-appalt lil MC Restauri ghas-somma ta' tmenin elf ewro (€80,000.00).

Dan il-ftehim kien gie approvat mill-awtoritajiet koncernati u l-MC Restauri pprocediet sabiex tibda l-ezekuzzjoni tal-appalt. Dwar il-hlasijiet ghax-xoghol waqt l-appalt certifikat mir-Resoration Unit u mhalsa mid-Dipartiment tat-Tezor ma kienx hemm problemi sabiex l-MC Restauri jircievu l-hlasijiet, kienu jithalsu skont dak miftiehem u l-kejl tal-istess.

Inqalghet problema dwar ir-rifuzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) peress li d-Dipartiment tal-VAT kien sostna li la darba n-numru tal-VAT kien inhareg fuq isem il-konsorzju AF Ellis (Home Deocr) Ltd & MC Restauri JV huma setghu biss jirrifond l-VAT fuq dak l-isem, li naturalment fisser li seta' jissarraf biss jekk jinfetah kont specifikament fuq dan l-isem. Dan kien ifisser li kien hemm il-htiega li l-AF Ellis (Home Decor) Limited tiffirma l-inkartament li jinfetah dan il-kont fuq isem iz-zewg ishmatarji tal-konsorzju u li l-MC Restauri tkun hi biss il-firmatarja u tippercepixxi hija stess l-ammont rifuz.

Dan ma kienx accettat mis-Socjeta' AF Ellis (Homke Decor) Limited li ghall-ewwel riedet sehmha mill-VAT rifuz u wara tentattivi sabiex tigi rizolta mpona numru ta' kundizzjonijiet li f'qasir kliem ma setghu qatt iwasslu ghal soluzzjoni biex l-MC Restauri, li lilha biss kien dovut kull rifuzjoni ta' VAT, setghet tingabar u jew tissarraf. Ma ntlahqietx soluzzjoni.

Wara li spicca jew kien kwazi terminat il-progett tar-restawr tac-Cittadella, l-MC Restauri istitwiet proceduri legali ta' Arbitragg, skont l-istess kuntratt ta' ftehim bejniethom meta gew ceduti u assenjati d-drittijiet kif fuq inghad, kontra l-AF Ellis (Home Decor) Limited sabiex ikun hemm decizjoni ta' min hija r-rifuzjoni tal-VAT u sabiex tinghata ordni li l-VAT kellhom ihalsu lil MC Restauri direttament.

L-Arbitragg kien ippresjedut mill-Avukat Joseph Schembri u d-decizjoni tieghu nghatat fis-7 ta' Novembru 2014. Id-decizjoni fi ftit kliem ta ragun lil MC Restauri u cahad ukoll kontro talba mressqa mill-kumpanija AF Ellis (Home Decor) Limited. Minn hawn inqalghet il-problema odjerna, dwar l-ispejjez ta' dan l-Arbitragg.

Ic-Centru ta' l-Arbitragg hareg ic-certifikat tar-registrazzjoni tad-decizjoni tieghu skont l-artikolu 61 tal-Att dwar l-Arbitragg u dan wara li ma kienx hemm oppozizzjoni ghall-istess registrazzjoni u lanqas appell mill-istess arbitragg.

Niftakar li kienet inharget taxxa mic-Centru tal-Arbitragg, id-dettalji dwar dan jixhduh l-istess rapprezentanti tac-Centru ta' Arbitragg, biss kienet saret oggezzjoni da parti tas-Socjeta' AF Ellis (Home Decor) Ltd l-ewwel darba dwar xi spejjez imnizzlin f'kolonna zbaljata u t-tieni darba dwar il-fatt li l-arbitru ma kienx esprima ruhu dwar l-ispejjez per se. Niftakar li rizultat ta' din l-oggezzjoni kien sar rikors lill-Arbitru sabiex jiddeciedi dwar l-ispejjez tal-Arbitragg.

L-arbitru fl-24 ta' April 2014 kien hareg decizjoni ta' kjarifika ulterjuri li dwar l-ispejjez il-gudikat kien car kristall u rega' (1) ikkonferma li kellhom ikunu a karigu tal-istess socjeta' AF Ellis (Home Decor) Limited u (2) li kellu jkun c-Centru tal-Arbitragg li jistabilixxi l-istess spejjez. Sussegwentement kienet inharget taxxa ohra mic-Centru ta' Arbitragg. Kien hawn li s-Socjeta' AF Ellis (Home Decor) qajmet il-kwistjoni li c-Centru tal-Arbitragg ma kellux is-setgha johrog taxxi dwar l-ispejjez. Kien inhareg mandat ta' sekwestru da parti tal-MC Restauri liema mandat kien sussegwentement revokat minhabba l-oggezzjonijiet imqajma mis-socjeta' sekwestrata l-AF Ellis (Home Decor) Ltd li c-Centru ma kellux dik is-setgha.

Eventwalment ic-Centru tal-Arbitragg irtira dawn iz-zewg taxxi li kien hareg.

Kien ghalhekk li kellha tigi ntavolata din il-kawza, proprju sabiex jigu deteminati l-ispejjez u drittijiet tal-proceduri ta' Arbitragg li s-socjeta' AF Ellis (Home Decor) Ltd ghandha thallas lill-MC Restauri.'

Rat ukoll l-affidavit ta' Corradina Miloro a fol. 128 li izda ma jitfax wisq dawl fuq il-kwistjoni pendenti quddiem din il-Qorti.

Semghet u rat ix-xhieda ta' Dottor Joseph Ellis a fol. 132 et seq tal-process li fi kliemu tista' tghid jikkonferma x-xhieda wkoll tal-Avukat Dr. Peter Fenech inkluz dwar id-dizgwid li nqala' fuq il-kwistjoni tat-taxxi mahruga mic-Centru tal-Arbitragg li wasslu ghall-kawza odjerna. L-Avukat Ellis isostni in oltre fix-xhieda tieghu li da parti tas-socjeta'

intimata lanqas kien hemm qbil li c-Centru tal-Arbitragg iqis l-arbitragg in kwistjoni bhala arbitragg internazzjonali u mhux wiehed domestiku stante li s-socjeta' intimata targumenta li l-arbitragg kellu x'jaqsam ma' kuntratt ta' appalt illi gie esegwit f'Malta, bejn ditta Maltija u ditta Taljana, it-tnejn pajjizi tal-Unjoni Ewropea. Din id-distinzjoni taghmel differenza sostanzjali fl-ammont ta' spejjez kif jigu ntaxxati. Jixhed ukoll li kif sostna mac-Centru s-socjeta' intimata ghadha ssostni li fil-lodo arbitrali, l-arbitru kien tenut illi jintaxxa hu stess, u tkun parti mil-lodo l-ispejjez ta' dawk il-proceduri. Fix-xhieda tieghu l-Avukat Ellis jinsisti li l-artikolu 51 tal-Kap. 387 jipprekludi c-Centru tal-Arbitragg milli johrog it-taxxa tal-ispejjez tal-arbitraggi hu stess. Fix-xhieda tieghu l-Avukat Ellis jaghti r-ragunijiet tieghu ghalfejn skont hu l-intaxxar kif sar ma kienx wiehed korrett ghal dak li huma valuri b'mod partikolari stante li jargumenta li l-pendenza bejn il-partijiet kienet fuq punt ta' ligi u mhux dwar xi valur. Jixhed ukoll li stante li fil-lodo ma kienx hemm dettalji tal-ispejjez per konsegwenza s-socjeta' intimata ma setghetx tintavola appell kontra l-ispejjez. Jghid ukoll li wara li qajjem l-oggezzjonijiet tieghu c-Centru tal-Arbitragg sahansitra rtira t-taxxi li kienu qed jigu kontestati mis-socjeta' intimata wara li ntbaghtet ittra mill-Avukat Ellis fejn gew infurmati li kien ser izomm lir-Registratur personalment u lic-Centru:

'responsabbli ghad-danni kollha illi l-klijenti tieghi jista' jsofri bhala rizultat ta' dan l-att illi ma jaqax fil-mansjonijiet moghtija mil-ligi.' (ara fol. 155)

Fil-fatt flimkien max-xhieda tieghu l-Avukat Ellis esebixxa wkoll numru ta' dokumentazzjoni li tevidenzja korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet u c-Centru wara li nghata l-lodo.

Il-Qorti rat ukoll b'mod partikolari l-ittra esebita a fol. 153 tal-process fejn tidher li l-ittra datata 11 ta' Lulju, 2014 (cioe' qabel id-decizjoni) intbaghtet mill-Avukat Dr. Joseph A. Schembri lir-Registratur tac-Centru b'indikazzjoni dwar kif ghandha tinhadem it-taxxa u l-ispejjez fl-arbitragg in kwistjoni. Tinnota wkoll li f'din l-e-mail l-arbitru jindika l-arbitragg bhala 'domestic voluntary arbitration'.

Rat ukoll il-kopji tat-taxxi datati 30 ta' Marzu, 2015 u 25 ta' Gunju, 2015 esebiti a fol. 157 u 158 tal-process. Il-Qorti tinnota li dawn it-taxxi jgibu data wara dik tad-decizjoni fuq l-arbitragg.

Il-Qorti rat ukoll sakemm huma rilevanti ghall-kaz odjern id-dokumentazzjoni kollha esebiti mill-Avukat Dr. Fiona Galea Farrugia fil-vesti taghha ta' Registratur tac-Centru tal-Arbitragg. B'mod partikolari l-Qorti taghmel referenza ghall-'file' kollu esebit bhala dok FGF 1 u li gia sar referenza ghall-kontenut tieghu aktar 'il fuq. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li qabel ma nghatat id-decizjoni tal-arbitru u wara li l-istess arbitru kien baghat l-ittra datat 11 ta' Lulju, 2014 hawn fuq imsemmija, ic-Centru tal-Arbitragg baghat korrispondenza dwar l-ispejjez u drittijiet dovuti relatati mal-istess Arbitragg. Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza partikolari ghall-ittri datati 17 ta' Novembru, 2014 u 11 ta' Novembru, 2014 u 'l hekk imsejjah 'statement of expenses' li jgib id-data tal-11 ta' Novembru, 2014 u jindika ammont totali dovut ta' €7,781.74 vat

inkluza. Dan l-'istatement of expenses' izda ma jindikax id-drittijiet tal-Avukati li jidher li ddahlu fit-taxxa wara li nghatat id-decizjoni. Isegwi fl-istess 'file' huwa l-lodo tal-arbitru datat 7 ta' Novembru, 2014. Dan il-lodo fir-rigward tal-ispejjez jaqra kif isegwi:

'L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' intimata.'

Kif gia suespost, jirrizulta minn din id-dokumentazzjoni li l-partijiet gew notifikati b'din id-decizjoni nhar il-21 ta' Novembru, 2014. Mid-data tal-20 ta' Novembru, 2014 'il quddiem bdiet tintbaghat korrispondenza mill-Avukat Ellis li permezz taghha bdiet il-kontestazzjoni tal-ispejjez:

- Fl-ittra datata 20 ta' Novembru, 2014 jilmenta li l-ispejjez ma kellhomx jigu ntaxxati bhala arbitragg internazzjonali.
- Fl-ittra datata 9 ta' Dicembru, 2014 jitlob ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 387 li tinghata decizjoni addizzjoni mill-arbitru dwar l-ispejjez tal-arbitragg kif skont l-intimata kien tenut illi jaghti fid-decizjoni nnifisha u dan ai termini tal-artikolu 50 u 51 ta' l-istess Att.

Huwa biss wara li din l-ittra li fil-file tirrizulta taxxa datat 30 ta' Marzu, 2014 bl-ispejjez jinkludu wkoll id-drittijiet tal-Avukati fl-ammonti globali ta' €10416.26 taht il-kolonna tar-rikorrent u €2632.30 taht il-kolonna tal-intimat.

Isegwi t-tieni lodo tal-arbitru li fil-parti rilevanti jaqra kif isegwi:

‘Kwindi jekk dan huwa l-kaz, kif jidher evidenti li huwa l-kaz, allura jsegwi illi l-perijodu li fih kull parti ghandha d-dritt li taghmel talba simili ghal dik prezenti kien ilu li skada u ghalhekk l-istess talba hija *fuori termine*.

Indipendentement minn dan, izda in aggunta ghall-istess, in realta' l-arbitru ma jistax jifhem ghala s-socjeta' intimata ghamlet l-ilment li ghamlet. Huwa jaghmel referenza ghal-Lodo tieghu u senjatament ghall-ahhar sentenza tal-istess lodo fejn testwalment jinghad hekk: 'L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' intimata'.

L-Arbitru jhoss illi huwa ma setax ikun aktar car minn daqshekk fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez.

Illi in kwantu jirrigwarda il-*quantum* tad-drittijiet tal-Arbitru sottofirmat, l-ispejjez relattivi ghall-istess procedura, kif ukoll dawk dovuti lill-istess Centru, jinghad, in kjarezza, illi f'kull Arbitragg li kien involut l-Arbitru sottofirmat, huwa dejjem halla f'idejn ic-Centru biex jistabbilixxi l-istess, u hekk ghamel ukoll f'dan il-kaz, u dan ukoll senjatament ai termini tat-tieni subartiklu tal-artiklu 51 tal-istess ligi, u kwindi ma hemm assolutament ebda ordni gdida x'ghandha tinghata.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-Arbitru sottofirmat jichad it-talba tas-socjeta' intimata bl-ispejjez a karigu ta' l-istess socjeta' intimata.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-artikoli tal-Kap. 387 li fuqhom qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha s-socjeta' intimata u li ghalhekk talbet ir-revoka tat-taxxi da parti tar-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg cioe' l-artikolu 50 u 51 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

'50. It-Tribunal tal-arbitragg ghandu jistabilixxi l-ispejjez tal-arbitragg fid-decizjoni nnifisha. L-espressjoni "spejjez" tinkludi biss:

a) id-drittijiet tat-tribunal tal-arbitragg li ghandhom jinhargu separatament ghal kull arbitru u li jigu stabbiliti mit-tribunal innifsu skont l-artikolu 51;
b) l-ispejjez tal-ivvjaggar u spejjez ohra maghmula mill-arbitri;
c) l-ispejjez mahruga ghall-parir ta' esperti u ta' kull ghajnuna ohra mehtiega mit-tribunal tal-arbitragg;
d) l-ispejjez tal-ivvjaggar u spejjez ohra ta' xhieda sal-limitu li dawk l-ispejjez ikunu approvati mit-tribunal tal-arbitragg;
e) l-ispejjez ghal rapprezentanza u assistenza legali tal-parti li tirbah l-arbitragg jekk dawk l-ispejjez ikunu ntalbu matul il-procedimenti tal-arbitragg, u biss sa dak l-ammont li t-tribunal tal-arbitragg jistabbilixxi li jkun ragonevoli;
f) kull dritt u spiza li jithallsu lic-Centru.'

'51. (1) It-tribunal tal-arbitragg ghandu jistabbilixxi d-drittijiet u l-ispejjez skont dawk ir-regoli u linji diretti li jistghu jsiru mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja bi ftehim mac-Centru minn zmien ghal zmien u kull ma jigi stabbilit fuq drittijiet u spejjez ikun jista' jigi rivedut skont ma jista' jigi ordnat f'dawk ir-regoli jew linji direttivi.
(2) Tista' tigi delegata lic-Centru l-funzjoni li jistabbilixxi d-drittijiet u l-ispejjez, skont ligi li tigi applikata jew bejn il-partijiet, f'kazijiet jew fi klassijiet ta' kazijiet specifici taht dawk il-kondizzjonijiet li jistghu jigu dikjarati f'dik il-ligi, dawk ir-regoli jew dawk il-linji direttivi li jinhargu mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja bi ftehim mac-Centru jew li jkun hemm fil-ftehim ta' arbitragg.'

Illi ghalkemm l-artikolu 50 moqri wahdu jista' jinftiehem li s-socjeta' intimata ghandha ragun fil-pretensjoni taghha li kellu jkun l-arbitru li

Euro fuq Euro jikkalkula l-ispejjez u drittijiet kif dovuti fid-decizjoni tieghu, il-Qorti tqis li qari tal-artikolu 51 tal-Kap. 387 jaghti dimensjoni ohra lill-artikolu 50, dimensjoni ferm aktar wiesgha minn dik li qed tikkontendi s-socjeta' intimata.

Il-Qorti tinnota li l-arbitru Dr. Joseph Schembri fit-tieni lodo tieghu ghamel referenza ghal dan l-artikolu 51 sabiex legalment jiggustifika l-fatt li huwa ddecieda min ghandu jbaghti l-ispejjez fl-arbitragg in kwistjoni izda halla f'idejn ic-Centru sabiex johrog it-taxxa in kwistjoni.

Illi huwa appuntu fit-termini tal-proviso tal-artikolu 51 li gew promulgati permezz tal-avviz legali 421 tal-2004 ir-Regoli dwar l-Arbitragg (L.S. 387.01) li hija ligi sussidjarja ghall-Att dwar l-Arbitragg, Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn ir-regoli sahansitra jipprovdu Taqsima shiha dwar l-ispejjez fl-arbitraggi kif ukoll Appendici li ghall-kuntrarju ta' dak espost mis-socjeta' intimata fil-proceduri odjerni dawn ir-regoli ma japplikawx biss ghall-arbitraggi mandatorji. Dan ikkonfermatu wkoll ir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg Dr. Fiona Galea Farrugia fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti. Fil-fatt fit-Taqsima V intitolata 'Spejjez' u l-Appendici A jissemmew it-tipi diversi kollha ta' arbitraggi li jipprovdi ghalihom il-Kapitolu 387 u mhux biss dak mandatorju. In oltre l-Appendici A kjarament jaghmel referenza ghall-ispejjez u jipprovdi ghall-ispejjez li appuntu huma msemmija u elenkati fl-artikolu 50 tal-Kap principali u li ghalih jipprovdi l-eccezzjoni l-artikolu 51.

Illi fil-qosor ai termini tal-artikolu 37 ta' din it-Taqsima jinghad li r-rikorrent jew l-intimat jistghu jintalbu jhallsu bil-quddiem spejjez lic-

Centru in konnessjoni mal-procediment ta' l-arbitragg. Mid-dokument FGF 1 partikolarment l-ittra datata 11 ta' Novembru, 2014 jirrizulta li z-zewg partijiet fl-arbitragg inkluz is-socjeta' intimata ntalbu jhallsu spejjez bil-quddiem u fil-fatt hekk ghamlu. Skont l-ittra datata 11 ta' Novembru, 2014 is-socjeta' intimata hallset is-somma ta' €1,041. Ma jirrizulta minn imkien fl-atti li f'dak il-mument is-socjeta' intimata kkontestat b'xi mod il-poter tac-Centru li jressaq tali talba ai termini ta' dawn ir-regolamenti.

L-artikolu 38 li jsegwi jipprovdi li fin-nuqqas ta' ftehim bejn it-tribunal ta' l-arbitragg u l-partjiet dwar l-ispejjez u meta l-partijiet ikunu qablu espressament li l-ispejjez ghandhom jigu decizi mic-Centru, l-ispejjez ghandhom jigu ntaxxati minn Sotto-Kumitat dwar l-Ispejjez, imwaqqaf mic-Centru. Fil-kaz odjern ma jirrizultax la li kien hemm ftehim bejn it-tribunal ta' l-arbitragg u l-partijiet u lanqas li l-partijiet qablu espressament li l-ispejjez ghandhom jigu decizi mic-Centru ghalhekk il-Qorti ma tqisx li dan l-artikolu huwa applikabbli fil-kaz odjern.

Isegwi li japplikaw bejn il-partijiet ir-regoli kontenuti fl-artikolu 44 tal-istess taqsima li jaqra kif isegwi:

'44. (1) It-Tribunal ta' l-arbitragg huwa ntitolat ghad-drittijiet u ghar-rimbors ta' l-ispiza u ghat-taxxa fuq valur mizjud. Il-partijiet huma responsabbli solidalment lejn it-tribunal ta' l-arbitragg ghall-pagament tad-drittijiet u ta' l-ispejjez tal-procediment ta' l-arbitragg, minkejja li jkun hemm xi talba ghar-rimbors ta' parti kontra l-ohra.
(2) Ebda haga f'din ir-regola ma ghandha tnaqqas il-liberta' tat-tribunal ta' l-arbitragg u tal-partijiet li jaddottaw regoli ohra dwar drittijiet izda,

hlief kif provdut fis-subregola (3), kull ftehim fejn wahda biss mill-partijiet tbati l-ispejjez kollha jew ftehim li jispecifika l-porzjoni ezatta kif l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, huwa meqjus bhala null u bla effett sakemm ma jkunx gie approvat bil-miktub mir-Registratur qabel ma jkun gie appuntat it-tribunal ta' l-arbitragg.

(3) Ftehim fejn il-partijiet jaqblu li l-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs huwa wiehed validu.

(4) Kull parti tista' tikkontesta d-drittijiet u l-ispejjez mahruga mit-tribunal ta' l-arbitragg quddiem is-Sotto-Kumitat dwar l-Ispejjez ghar-revizjoni tad-drittjiet u spejjez hekk mahruga. Id-decizjoni tkun finali u torbot.'

Illi mill-atti jirrizulta li sub-artikolu 2 u 3 ma japplikawx ghall-kaz odjern stante li ma jirrizulta l-ebda ftehim bejn il-partijiet u tribunal tal-arbitragg dwar kif ghandhom jigu apporzjonati l-ispejjez fir-rigward tal-arbitragg in kwistjoni. Fil-kaz odjern jirrizulta fl-ewwel lok li fit-termini tal-artikolu 51 tal-Kap principali l-arbitru fil-vesti tat-Tribunal ta' l-Arbitragg ddecieda min kellu jbaghti l-ispejjez fil-lodo kif huwa rikjest fil-ligi u ddelega lic-Centru fit-termini tas-sub-artikolu 2 li johrog it-taxxa per se kif iddelegat b'dan il-poter skont il-legislazzjoni sussidjarja 387.01. Fil-fatt jirrizulta mill-atti li c-Centru mexa mar-regolamenti in kwistjoni u hareg it-Taxxa skont l-Appendici A tal-istess regoli tant li dritt ta' l-Arbitru jidher li jaqbel ezatt mat-tabella ta' Dritt ta' l-Arbitri taht Taqsima II tal-Appendici. L-istess skeda tipprovdi wkoll ghal Tariffi f'kaz ta' arbitraggi nternazzjonali u minn dak li rat il-Qorti mit-taxxi esebiti jista' jkun li effettivament ic-Centru applika dawn it-tariffi ghall-kaz odjern ghalkemm l-arbitru l-Avukati Joseph Schembri fl-ittra tieghu lir-

Registratur datat 11 ta' Lulju, 2014 indika l-arbitragg bhala 'domestic voluntary arbitration' (ara fol. 153 tal-process).

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tikkonkludi s-segwenti:

1. Illi l-obbligu tat-Tribunal tal-Arbitragg li jistabilixxi l-ispejjez tal-arbitragg fid-decizjoni nnifisha kif moqri mal-kontenut tal-artikolu 51 u l-ligi sussidjarja 387.01 huwa dak li jiddeciedi liema parti ghandha tbaghti l-ispejjez filwaqt li t-Tribunal ghandu kull jedd fil-ligi li jiddelega l-kalkolu tal-istess lic-Centru tal-Arbitragg fit-termini tar-regolamenti sussidjarji kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.
2. Illi jirrizulta li fl-atti nhargu zewg taxxi izda dik finalment korretta jirrizulta li hija dik li ggib id-data tal-25 ta' Gunju, 2015.
3. Illi r-rimedju wzat mis-socjeta' intimata fejn talbet li ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 387 tinghata decizjoni addizzjonali mill-arbitru dwar l-ispejjez tal-arbitragg ma kienx l-artikolu applikabbli f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar l-ispejjez. Fil-fatt l-istess provvedimenti tal-artikolu 49 kif provduti fir-regoli sussidjari ma jaqghux taht il-kapitolu tal-ispejjez izda jaqghu taht kapitolu kompletament separat (ara l-artikolu 33 tal-legislazzjoni sussidjarja). Dan l-artikolu kien japplika biss f'kaz li l-arbitru ma semma' xejn dwar min ghandu jbaghti l-ispejjez li mhux il-kaz odjern.
4. Illi mill-atti, apparti l-kontestazzjoni da parti tas-Socjeta' intimat li c-Centru tal-Arbitragg m'ghandux il-poter li johrog it-taxxa, liema kontestazzjoni mhix qed tigi milqugha minn din il-Qorti kif suespost, is-socjeta' intimata tilmenta mill-ammont tal-ispejjez stante li ssostni li dan gie kkunsidrat bhala arbitragg internazzjonali u mhux wiehed domestiku

kif ukoll li kellu jigi ntaxxat fuq punt ta' ligi u mhux skont il-valur. Il-Qorti tqis li b'applikazzjoni tar-regolament sussidjarji u fost ohrjan b'applikazjoni tal-artikolu 44 (4) tal-ligi suddisjarja 387.01 il-kontestazzjoni tad-drittijiet u l-ispejjez mahruga mic-Centru kif legalment delegat mit-Tribunal ta' l-arbitragg kellha ssir quddiem is-Sotto-Kumitat dwar l-Ispejjez. Ma jirrizultax mill-atti li, sad-data li t-taxxi gew unilateralment irtirati mir-Registratur tac-Centru in vista tad-dizgwid bejn il-partijiet, li saret din il-kontestazzjoni.

**Illi in vista tal-konkluzzjonijiet suesposti din il-Qorti ma tqisx li hija legalment kompetenti la li tiddeciedi hi stess l-ispejjez dwar l-arbitragg in kwistjoni w'lanqas li b'xi mod tirrevedi jew tikkonferma l-istess taxxa. Stante li konsegwenza tal-agir tar-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg illum il-gurnata l-partijiet jinsabu f'limbu dwar l-ispejjez stante li t-taxxa giet irtirata mic-Centru tal-Arbitragg konsegwenza tal-insistenza tas-socjeta' intimata, l-istess Centru ghandu jipprocedi sabiex jerga' johrog it-taxxa tad-drittjiet u spejjez relatati mal-arbitragg in kwistjoni kif fil-fatt gie legalment delegat li jaghmel fit-termini tal-artikolu 50 u 51 tal-Kap. 387 u l-ligi sussidjarja 397.01. Konsegwentement min mill-partijiet iqis li ghandu raguni sabiex jikkontesta l-istess drittijiet u spejjez ghandu jaghmel uzu mir-rimedju li tipprovdi l-ligi u jikkontesta l-istess drittijiet u spejjez fosthom id-decizjoni li dan jigi ntaxxat bhala arbitragg internazzjonali u mhux fuq punt ta' ligi quddiem is-Sotto-Kumitat dwar l-Ispejjez, mhux quddiem il-Qorti tal-Appell kif sostniet is-socjeta' intimata u wisq anqas quddiem din il-Qorti.**

Il-Qorti izda tifhem ir-raguni li wasslet lill-attrici ghal din il-kawza stante li fil-mument li gew irtirati t-taxxi mic-Centru tal-Arbitragg, l-attrici spiccat giet svestita mill-jedd taghha li titlob u tenforza r-rimbors u l-hlas tad-drittijiet u l-ispejjez kif dovuti lilha mis-socjeta' intimata. Dan il-fatt ser jigi rifless fid-decizjoni ta' din il-Qorti dwar l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur intimat bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Stante li din il-Qorti tqis li mihjiex l-organu kompetenti fil-ligi sabiex tintaxxa drittijiet u spejjez derivanti minn arbitragg anki arbitragg volontarju u wisq anqas sabiex tirrevedi jew tikkonferma taxxa ta' drittijiet u spejjez mahruga ai termini tal-Kap. 357 tal-Ligijiet ta' Malta u regoli sussidjari taht l-istess kapitolu, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici minghajr pregudizzju izda ghad-dritt tal-attrici li tigi rimborsata u mhallsa l-ispejjez u d-drittijiet relatati mal-istess arbitragg skont il-ligi.

Tordna li d-dokumenti FGF 1, FGF 2, FGF 3 u FGF 4 li gew esebiti fl-atti *animo ritirandi* jintbaghtu lura lir-Registratur tac-Centru tal-Arbitragg Dr. Fiona Galea Farrugia sabiex tipprocedi biex terga tohrog it-taxxa tal-ispejjez u d-drittijiet fl-arbitragg bejn il-partijiet bin-numru I.3620/2013 u konsegwentement kull parti tkun tista' tirregola ruhha skont il-ligi dwar l-istess taxxa nkluz il-kontestazzjoni tal-istess jekk ikun il-kaz skont il-ligi.

Fic-cirkustanzi, salv l-ispejjez gia decizi f'din id-decizjoni u s-sentenza preliminari precedenti skont il-kaz, kull parti ghandha ssoffri l-ispejjez taghha tal-procedura odjerna.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur